*-ħabta minn wara.*

# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 15 TA’ APRIL 2019.**

## Rikors Nru. 290/2010GM

**CHRISTINE VELLA**

**VS**

**MICHAELA VELLA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Christine Vella ppreżentat fid-29 ta' Marzu 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din il-Qorti:

(a) ssib lil konvenuta mħarrka ħatja għall-korriment u l-ħsara li ma tgħaddix li hija ġarrbet f'inċident li ġara fid-9 ta' Diċembru 2006, wara li kienet riekba fil-vettura ABF 428 bħala passiġġiera, sfat involuta f'inċident mal-vettura LCC 304 misjuqa mill-intimata.

(b) tillikwida d-danni *damnum emergens* u *lucrum cessans* mġarrbin minnha bi ħtija tal-istess konvenuta imħarrka; u

(ċ) tikkundanna lill-istess konvenuta imħarrka tħallas d-danni hekk likwidati.

Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat ir-Risposta Ġuramentata mressqa mill-konvenuta imħarrka fil-21 ta' Mejju 2010 fejn eċċepiet li t-tort għall-inċident in kwistjoni diġa` ġie ammess minnha tramite s-soċjeta assikuratriċi tagħha ossia Gasan Mamo Insurance Limited minn qabel ma bdiet din il-kawża u kwindi m'għandhiex tiġi kkundanatta tbati spejjeż in konnessjoni mal-ewwel talba tal-attriċi u stqarret li d-diżabilita` permanenti allegatament sofferta mill-attriċi ma tirriżultax;

Rat id-degriet tagħha (diversament preseduta) tal-15 ta' Ġunju 2010 fejn inħatar l-espert ortopediku Mr Massimo Abela bħala espert mediku biex jeżamina lil attriċi;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert mediku Mr Massimo Abela fit-30 ta' Settembru 2010;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

**Responsabilita` tal-inċident**

Illi meta seħħ l-inċident in kwistjoni, l-attriċi kienet passiġġiera flimkien ma' żewġha u kienu **wieqfa** jistennew il-karozza ta' quddiemhom tipparkja meta karozza oħra misjuqa mill-konvenuta baqgħet dieħla ġo fihom min-naħa ta' wara u tefgħethom fil-karozza ta' quddiemhom. Il-konvenuta fl-eċċezzjonijiet tagħha stqarret illi t-tort tal-inċident *de quo* ġia gie ammess minnha tramite s-soċjeta assikuratriċi tagħha minn qabel ma bdew dawn il-proċeduri. Filfatt il-kumpanija tal-assikurazzjoni tagħha kienet ġia ħallset LM1,533.47[1] lill-kumpanija assikurattriċi tal-attriċi u dan għad-danni sofferiti fil-vettura tal-attriċi. Għalhekk m'hemm l-ebda dubbju illi l-intimata Michaela Vella għandha tinżamm unikament responsabbli tal-istess inċident. F'dan l-istadju, il-kwistjoni hi limitata għal-likwidazzjoni tad-danni;

**Likwidazzjoni ta' danni**

***Damnum Emergens***

Illi l-attriċi fl-atti tal-provi ma ppreżentat l-ebda irċevuta jew prova oħra li jaqgħu taħt din il-kappa ta' danni emerġenti. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tillikwida tali

[1] Dok MBB1 u MBB2 a fol 63 u 65 rispettivament .

danni u tagħti kumpens għalihom. Barra minn hekk, il-kumpanija assikuratriċi tal-konvenuta diġa` għamlet tajjeb għall-ispejjeż imġarrba mill-vettura li kienet fiha l-attriċi;

***Lucrum Cessans*:**

Illi l-attriċi tgħid li mad-daqqa tal-inċident ħasset uġiegħ kbir tul is-sinsla kollha ta' daharha. Ħaduha l-isptar b'ambulanza u kellha tilbes kullar u tieħu xi pilloli. Kellha tmur għand speċjalista (Dr Anthony Galea Debono) li rreferiha għal-*MRI scans* u b'kollox għamlet erbgħa. L-uġiegħ għadu preżenti u tħossu l-aktar meta tkun bilqegħda, bil-wieqfa u minduda jew meta tieħu skoss. Gieli l-uġiegħ iqajjimha anke bil-lejl u jkun hemm mumenti meta l-uġiegħ jinżel għal idha x-xellugija sas-swaba tan-nofs. Kellha titlob għajnuna ta' *helper* biex tgħinha fil-faċendi u kellha tnaqqas mill-mixi għax saret tgħejja ħafna kif ukoll kellha tieqaf issuq fuq parir tal-speċjalista minħabba l-egħbusija li għandha f'għonqha;

Illi m'hemmx dubju li l-inċident tat-traffiku kellu mpatt negattiv fuq il-ħajja ta' kuljum tal-attriċi. Qabel l-inċident l-attriċi kienet mara f'saħħitha u kienet tagħmel ix-xogħol tad-dar kollu hi. Wara li seħħ l-inċident l-attriċi ma baqgħetx issuq u bdiet tiddependi minn għajnuna ta' ħassiela fir-rigward ta' ċertu xogħol li jsir fid-dar;

Illi meta seħħ l-inċident, l-attriċi kienet mara tad-dar. Ġie deċiż f'diversi sentenzi li mara tad-dar għandha dritt għall-kumpens minħabba *lucrum cessans*[2];

**Multiplier**

[2] Ara Borg vs Zammit, P.A – 22.03. 1999, u Farrugia vs Mamo, P.A – 11.10. 2002.

Illi l-*multiplier* li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[3];

Il-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[4], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[5]. Għalhekk il-*multiplier* għandu jkun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma;

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[6], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attriċi fiż-żmien tal-inċident kellha disgħa u erbgħin (49) sena magħluqa. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se

[3]Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 122.
[4]App. Kumm. 26.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet Mary Buġeja noe et v George Aġius et noe.
[5]Kumm. 11.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Aġius v Joseph Galea et noe.
[6]App. ġiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud v Carlo Camilleri.

taddotta *multiplier* ta' 13-il sena[7];

**Paga**

Illi l-attriċi hija mara tad-dar. Meta l-vittma ta' inċident ma tkunx taħdem bi qligħ fiż-żmien li l-inċident iseħħ, il-prattika hi li jingħata valur għax-xogħol tad-dar li hija tkun tagħmel u li dan il-valur jintrabat minn tal-anqas mal-paga minima li tkun tgħodd għal dak iż-żmien.[8]

Illi l-paga minima fl-elfejn u sitta kienet ta' mija u erbgħa u tletin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€134.82) fil-gimgħa[9]. Fit-2019 telgħet għal 175.84. Il-paga minima medja mid-data tal-inċident sallum hija ta' €155.33 u ċjoe` €8,077.16 fis-sena;

**Rata ta' diżabilita`:**

Illi l-espert mediku Mr Massimo Abela ikkonstata fir-rapport tiegħu[10] illi l-attriċi għandha żewġt *slipped discs* minn bejn l-irkiekel C5/6 u C6/7 li qegħdin jagħfsu fuq tnejn mill-ħames nervituri li jinżlu għad-driegħ tax-xellug. Hemm ukoll *slipped disc* f'daharha fil-livell T8/9 għalkemm dan mhux qed jagħfas fuq xi nervaturi. Għandha limitazzjoni tal-movimenti f'kull direzzjoni ta' għonqha kif ukoll sensazzjoni nieqsa fis-seba l-kbir u tan-nofs tal-id tax-xellug. Skond l-espert mediku "il-probabilita` li dawn il-problemi jitjiebu hija waħda remota" u għalhekk attribwixxa diżabilita` permanenti ta' tmienja fil-mija (8%)[11];

---

[7] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.
[8] P.A. 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Schembri v David Tanti.
[9] S.L 452.71 - *National Minimum Wage National Standard Order.*
[10] Fol 24.
[11] Fol 28.

Illi l-attriċi issostni li fost id-danni li ġarrbet konsegwenza tal-inċident hemm ukoll element ta' diżabilita` psikjatrika permanenti u dan skond kif iċċertifika l-psikjatra *ex parte* Dr Peter Muscat.[12] Dr Muscat ikkonstata illi peress li l-uġigħ hu persisteni u ma jtiha l-ebda serħan u lanqas iħalliha torqod, irriżulta f'disturb dipressiv. Peress li l-attriċi ssib diffikulta` biex torqod minħabba l-ugigħ u diffikulta` matul il-ġurnata biex taqdi dmirijietha fid-dar u affarijiet oħra li kellha tagħmel kienet tħossha għajjiena ħafna. Qabel l-inċident l-attriċi ma kellha l-ebda problema u kienet qed tgħix ħajja regolari u qatt ma kellha disturbi mentali. Kien tort tal-inċident illi bdiet tbati b'dawn id-dwejjaq. Dr Muscat għamel eżami tal-istat mentali tal-attriċi billi ħa qies tal-imġieba u tal-apparenza tagħha kif ukoll ta' kliemha. Biex wasal għar-rata ta' diżabilita` għamel numru ta' evalwazzjonijiet fosthom *global assessment for disabilitry* u uża l-*psychiatric impairment scale* u l-*global assessment of function (GAF)*. Wasal għall-verifika tal-*GAF*[13] permezz ta' skala fejn l-attriċi taqa' taħt il-sintomi moderati. Ippreskriva xi anti-dippressanti u l-kundizzjoni tal-attrici tjiebet xi ftit u għalhekk seta' jikkonkludi illi verament kienet qed tbati minn dipressjoni. La d-diżabilita` hija permanenti, l-stat mentali tagħha probabilment mhuwiex se jitjieb għalkemm qed tieħu anti-dippressanti. Kien għalhekk illi attribwixxa diżabilita` ta'15%;

**Weighted Average**

Illi l-leġislatur Malti ma jagħti l-ebda ħjiel dwar kif għandha tiġi mkejjla d-diżabilita` u għalhekk din iħalliha f'idejn il-Qrati tagħna li kull darba jkollhom kompitu iebes fir-rigward;

[12] Dok PM a fol 41.
[13] Dok PM1 a fol 73.

"Għaldaqstant, id-diżabilita` totali trid tiġi kkunsidrata in relazzjoni għal persuna, bħala entita` fiżika waħda mingħajr ma jiġi preżunt li l-multipliċita` ta' debilitajiet jiġu komputati komplessivament sabiex toħroġ id-diżabilita` reali li wieħed ikun sofra minnhom. Difatti, jekk il-persentaġġi jiġu magħduda flimkien, wieħed jista' jasal għall-konkluzjoni assurda li f'xi każijiet ikun hemm debilita` permanenti ta' aktar minn mija fil-mija"[14]. Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li f'każ bħal dan, għandu jiġi applikat il-kriterju tal- "*weighted average*". Dan ifisser li meta l-Qorti tgħaddi biex tikkomputa d-diżabilità permanenti totali, din trid tiġi kkunsidrata fir-rigward tal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni *a priori* li l-multipliċità ta' feriti jiġu kkomputati komplessivament.[15] Bil-"*weighted average*" jittieħed bilanċ tar-rizultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat.[16] Dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ jew il-ħidma tal-attur danneġġjat.[17] Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ jkun ġust li tiġi adottata bħala *weighted average* rata globali ta' diżabilità permanenti ta' 19% (15%+1/2 ta' 8%);

**Lump Sum Payment:**

Illi kif ġja` ngħad f'sentenzi oħrajn ippronunzjati minn din il-Qorti kif preseduta "mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-

[14] Spiridione *sive* Dione Zammit v Mario Bonello, PA 30.03.2017.
[15] Degiorgio v De Crema, P.A., 28.01.2004, u Josef Farrugia v Thomas Tanti, P.A., 07.07.20014.
[16] Cassar Pullicino noe et v Xuereb et., P.A., 20.02.2009.
[17] Frendo v Cachia, P.A., 20.04.2009.

vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat."[18] Dan jgħodd ħafna iktar f'dan il-każ seħħ tlettax-il sena ilu;

Illi a bażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:

€8,077.16 x 13 x 19% = €19.950.59

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' €19.950.59 bl-imgħax legali millum sad-data tal-eventwali ħlas effettiv u bl-ispejjeż kontra l-konvenuta salv l-ispejjeż tal-ewwel talba attriċi li għandhom jiġu sopportati mill-attriċi.

ONOR. IMHALLEF
GRAZIO MERCIECA

[18] Trevor Grech vs Lawrence agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018.